

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Van den Wyngaert, P. Rossi u G. von Rintelen, aġenti)

## Suġġett

Rikors għall-annullament parjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/399/UE, ta' 15 ta' Lulju 2010, li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ġerti nfiq imġarrab mill-Istati Membri taħt it-Taqsima ta' "Garanzija" tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG), taħ il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u taħ il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iż-żu l-Rurali (FAEŻR) (ĠU L 184, p. 6)

## Dispożittiv

- (1) Ir-rikors ġie miċħud bħala inammissibbli.
- (2) Northern Ireland Department of Agriculture and Rural Development huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 328, 04.12.2010.

## Rikors ippreżentat fid-29 ta' Frar 2012 — Cytochroma Development vs UASI — Teva Pharmaceutical Industries (ALPHAREN)

(Kawża T-106/12)

(2012/C 138/34)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

## Partijiet

Rikorrenti: Cytochroma Development, Inc. (St. Michael, Barbados) (rappreżentanti: S. Malynicz, Barrister u A. Smith, Solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Teva Pharmaceutical Industries Ltd (Jerusalem, l-Iżrael)

## Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġeneralu jogħġogħha:

- Tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tat-2 ta' Diċembru 2011 fil-Każ R 1235/2011-1; u
- Tordna lill-UASI u lill-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell biex ibatu l-ispejjeż tagħhom u dawk tar-rikorrenti.

## Motivi u argumenti prinċipali

Applikanti għat-trade mark Komunitarja: Ir-rikorrenti

Trade mark Komunitarja kkonċermata: It-trade mark verbali "ALPHAREN", għall-oġġetti fi klassi 5 — Applikazzjoni tat-trade mark Komunitarja Nru 4320297

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark jew sinjal invokat fl-oppożizzjoni: Trade mark Ungeriż b'reġistrazzjoni Nru 134972 tat-trade mark verbali "ALPHA D3", għall-oġġetti fi klassi 5; Trade mark Litwan b'reġistrazzjoni Nru 20613 tat-trade mark verbali "ALPHA D3" għall-oġġetti fi klassi 5; Trade mark Latvjan b'reġistrazzjoni Nru M30407 tat-trade mark verbali "ALPHA D3", għall-oġġetti fi klassi 5

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: Oppożizzjoni milquġha

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: Appell miċħud

Motivi invokati: Ksur tal-Artikolu 1(d)(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 216/96 billi membru tal-Bord li ħa d-deċiżjoni oriġinali kien ukoll membru tal-Bord li ħa d-deċiżjoni l-ġdida wara r-rinviju; ksur tal-Artikolu 65(6) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009 u l-Artikolu 1(d)(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 216/96 dwar il-miżuri li ttieħdu sabiex jikkonforma mad-deċiżjoni tal-Qorti Ġeneralu; Ksur tal-Artikolu 76(1) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009 dwar l-eżam-nazzjoni tal-fatti fuq inizzjattiva tiegħi stess fkaż ta' raġunijiet relattivi; ksur tal-prinċipju taċ-ċertezza legali, kif ukoll l-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

## Rikors ippreżentat fl-14 ta' Marzu 2012 — ANKO vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-117/12)

(2012/C 138/35)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

## Partijiet

Rikorrenti: ANKO Anonymos Etairia Antiprosopeion, Emporiou kai Viomichanias (Ateni, il-Greċja) (rappreżentant: V. Christopoulos, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

## Talbiet

Ir-rikorrenti titlob lill-Qorti Ġeneralu jogħġogħha:

- tikkonstata li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tissoppendi l-ħlas tal-ammonti dovuti lir-rikorrenti skont il-kuntratti PERFORM u OASIS, tikkostitwixxi ksur tal-obbligi kuntrattwali tagħha;